TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Jacqueline Borg Apap u Noel Borg**

**Vs**

**Ventura General Gas Ltd**

CCT 29/23/CC

Illum 5 ta' Diċembru 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fil-15 ta' Frar 2023, fejn talbu ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €550.85c (hames mija u hamsin ewro u hamsa u tmenin ċenteżmi) rapprezentanti ammont imhallas minnhom lis-socjeta intimata ghal frigg, li kellha problema ta' ilma.

Ra li s-socjeta intimata Ventura General Gas Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentatx risposta relattiva.

Illi in segwitu ghal koncessjoni ta' differiment ghal possibbli transazzjoni, liema transazzjoni fl-istadju tal-gbir tal-provi ma sehhitx, il-partijiet entrambi dehru fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lir-rikorrenti, u lir-rapprezentant tas-socjeta intimata jixhdu bil-gurament fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li fis-sena 2021 ir-rikorrenti xtraw frigg minghand is-socjeta intimata, liema frigg esperjenzat diversi problemi, fosthom hrug ta' ilma. Jirrizulta kif ikkonfermat mir-rikorrenti Jacqueline Borg Apap, li t-tekniku tas-socjeta intimata ecceda fir-residenza tar-rikorrenti ghal madwar tmien darbiet, u dan sakemm ir-rikorrenti inghatat frigg gdida.

Illi jirrizulta kif ikkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta intimata Mario Schembri, li r-rikorrenti inghataw frigg gdida fix-xahar ta' April jew Mejju 2023, u dan in segwitu ghal intavolar ta' dawn il-proceduri.

Illi r-rikorrenti Jacqueline Borg Apap stess tikkonferma li hija inghatat frigg gdida minghand is-socjeta intimata, u tikkonferma wkoll li attwalment il-frigg tahdem tajjeb u mhux qed taghmel ilma 'sa issa'.

Illi t-Tribunal, wara li sema' l-partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2023, ikkonceda lil partijiet terminu sabiex jipprezentaw kwalsiasi dokumenti relatati max-xiehda taghhom. Illi effettivament sussegwentement, il-partijiet ipprezentaw id-dokumenti relattivi in sostenn tax-xhieda taghhom.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li illum il-gurnata l-vertenza li kien hemm pendenti bejn il-partijiet hija rizolta stante li r-rikorrenti inghataw frigg gdida minghand is-socjeta intimata. Ir-rikorrent Jacqueline Borg Apap stess tikkonferma dan u inoltre tikkonferma li l-frigg gdida tahdem tajjeb.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista tal-fatt li l-mertu ta' l-ilment mressaq mir-rikorrenti illum huwa ezawrit, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad t-Talba mressqa mir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru